# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 25 ta' Mejju, 2016

**Talba Nru:** 901/15 DMA

**Tonna Christopher**
**(ID 454867M)**

**Vs**

**Borg James u Borg Stefan**
**(ID.98477M) u (ID. 57877M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2015 fejn l-attur talab l-ammont ta` elf sitt mija u zewg ewro (€1,602) ammont dovut mill-konvenuti lir-rikorrenti ghal servizzi professjonali rezi minnu fuq it-talba taghhom.

Il-konvenuti debitament notifikati pprezentaw risposta fil-21 ta' Dicembru, 2015 fejn eccepew illi t-talbiet ta' l-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi l-ebda ammont ma huwa dovut lilu mill-esponenti.

Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet ta' l-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi kwalunkwe servizzi allegatament rezi minnu ma kinux professjonali, ma kinux skond is-sengha u l-arti u sahansitra ikkagunaw danni lill-esponenti ghal liema danni l-esponenti minn issa jirrizervaw id-drittijiet taghhom fir-rigward b'mod partikolari li jfittxu lill-attur ghall-istess danni.

Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma ghandhom ibghatu l-ebda spejjez.

It-Tribunal semgha l-provi mressqa miz-zewg partijiet.

F'din il-kawza l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenuti ghal xoghol professjonali tieghu bhala '*accountant*'. Min-naha taghhom il-konvenuti gabu prova illi x-xoghol li sar mill-attur ma kien professjonali xejn tant illi r-`*return*` tal-vat kienet mimlija hazin bil-konsegwenza illi soffrew danni finanazjarji minhabba fiha.

It-Tribunal wara li semgha lil `*accountant*` attwali tal-konvenuti jixhed dwar kif sar `*over declaration*` mill-attur bhala `*accountant*` huwa tal-fehma illi x-xoghol li sar mill-attur ma kienx skond kif mitlub minnu. Anzi di piu l-konvenuti spiccaw soffrew finanzjarjament minhabba dan l-izball li sar mill-attur.

It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma illi l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut mill-konvenuti u dan peress illi x-xoghol li sar mill-attur ma sarx b'mod professjonali.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jichad it-talba attici.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-attur.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**